*Il-Birgu u l-"Castrum Maris" fiż-Żminijiet tan-Nofs Tardivi — (4)*

# IL-"VESPRI SICILIANI" LI TEMMEW IL-HAKMA TA' L-ANGEVINI

Minn MARIO BUHAGIAR,
B.A. Hons. (Lond.), M. Phil. (Lond.)

**Dokument importanti ħafna jagħtina deskrizzjoni żgħira tal-Kastell u inventarji dettaljati ta' dak li kien hemm ġo fih (41). Iġib id-data tal-Ħadd, 29 ta' Lulju, 1274, u huwa att li Henricus Bordinus u Johannes de Segnoranti, "iudices civitatis Malte", jiġifieri mħallfin tal-Belt ta' Malta, għamlu quddiem Antonius de Cappillerio, in-Nutar pubbliku għall-gżejjer ta' Malta u Għawdex, biex iservi ta' testimonjanza ta' l-għotja tal-Kastellanija tal-'Castrum Maris' (l-att isejjaħlu 'regii castri Malte") lin-nobbli Don Matheus de Podio mingħand in-nobbli Don Berterando de Real, il-Kastellan ta' qablu (42).**

**Il-Kastell, igħidilna d-dokument, kien maqsum fi tnejn: il-fortizza ta' ġewwa, jew 'castro interiore', li fiha kien hemm knisja ta' Santa Marija, u l-fortizza ta' barra, il-"castro exteriore", li kellha knisja taħt il-ħarsien ta' Sant'Anġlu. Tgħid huwa minn din il-knisja li ġej l-isem ta' Sant'Anġlu li bih il-Kastell kien magħruf fiż-żminijiet ta' wara? Fost l-inġenji tal-gwerra li kienu jħarsu l-Kastell, kien hemm tliet 'blidda' jiġifieri katapulti, waħda wara l-knisja ta' Santa Marija, oħra quddiem dik ta' Sant' Anġlu u l-oħra aktarx fl-ispazju ta' bejniethom (43). Kien hemm ukoll armamenti oħra elenkati f'lista twila; fosthom jissemmew mitt "salme" njam.**

L-aktar mportanti miżżewġt iknejjes tal-Kastell kienet aktarx dik ta' Santa Marija, għax fl-att insibu inventarju sħiħ ta' l-armar tagħha. Din hija, aktarx, l-ewwel knisja, ta' wara żmien l-Għarab, li għandna xi tagħrif dwarha u għalhekk l-importanza tar-rapport hija waħda kbira. Il-knisja kellha kampnar b'żewġt iqniepen u, aktarx, altar wieħed li kellu l-paramenti kollha meħtieġa fosthom disa' tvalji, tnejn minnhom tal-ħarir (44).

Kien imżejjen b'virga tal-fidda bbanjata bid-deheb (45) u fuqu kien hemm kanupew għamla ta' baldakkin. Kellu kalċi tal-fidda bil-patena tiegħu u ċiborju — tal-fidda wkoll — għall-Partikoli kkonsagrati. Interessanti ħafna hija r-referenza għax-xbiha, jew ikona, li kienet ivvenerata fuq l-artal. Kienet turi lil Sant' Anġlu u l-inventarju jiddeskriviha bħala: **conam Sancti Angeli impernatum cum tribus lapidibus, duobus de vitro et uno balasio...** Dan aktarx ifisser li x-xbiha kienet imsebbħa bi tliet ħarġiet, tnejn ta' kulur bajdani bħall-ħġieġ **(vitro)** u l-oħra ħamra bħal rubin **(balasio)**.

Kien hemm ukoll fil-knisja: żewġ kurċifissi, wieħed tal-fidda bbanjata bid-deheb u l-ieħor aktarx tal-fidda mmartellata; plattin għall-ġabra ta' waqt il-quddiesa, inċensier tal-bronż, żewġ antifonarji, missal, epistolarju, ktieb tas-Salmi, brevjarju, ktieb tal-Vanġelu u tliet trieħi waħda vjola u l-oħrajn tal-ħajt tad-deheb (46). Jissemmew ukoll tapit, purtiera ta' bla valur, u għadd ta' paramenti sagri fosthom kappa ta' drapp safrani, pjaneta tal-ħajt tad-deheb u alba bi glalen tad-deheb.

Daqshekk fuq id-dokument ta' l-1274 li jenfasizza kemm l-Anġevini kienu jqisu l-Kastell importanti kemm għad-difiża ta' Malta kif ukoll biex jiddominaw il-gżira u jxejnu kull oppożizzjoni li seta' jkun hemm kontra l-ħakma tagħhom. Kien hemm arranġamenti biex il-Kastell ikun fornut bi proviżjonijiet li kienu jinġiebu bil-baħar minn Għawdex, u fil-port kien hemm **sagittia** armata għad-difiża navali (47).



Mappa ta' Malta ppublikata minn Jean Quintin (Quintinus) fil-monografija tiegħu "Insulae Melitae Descriptio". Fiha ninnotaw iż-żewġ kastelli ta' l-Imdina u l-Birgu fuq Malta u ċ-ċittadella f'Għawdex u xi ftit irħula mxerrdin 'l hawn u 'l hinn.

### IL-'VESPRI SICILIANI'

Fi Sqallija l-ħakma ta' l-Anġevini ma kinetx popolari u bl-għajnuna mistura ta' Pedro III ta' Aragona, li kien imħallat biż-żwieġ mal-familja Hohenstaufen (48), faqqgħet f'Palermo, fl-1282, l-hekk imsejħa rewwixta tal-'Vespri Siciliani'. Kien b'hekk li Sqallija, u magħha Malta, bdiet tagħmel parti mill-Konfederazzjoni tal-Kuruna Aragoniża. Hemm xi ħjiel li l-Maltin ma tantx kienu għal qalbhom taħt l-Anġevini u għalhekk ma jidhirx li kien hemm oppożizzjoni għall-ħakkiema ġodda Aragoniżi (49) imma l-għassiesa tal-Kastell tal-Birgu baqgħu leali għal Karlu ta' Anjou u ma ridux iċedu. Għall-ħabta ta' nofs is-sena 1283 flotta kbira Anġevina salpat minn Marsilja għall-Port tal-Birgu fejn tkennet taħt is-swar tal-Kastell.

L-Aragoniżi ma setgħux jagħlqu għajnejhom għal dan l-aġir u għalhekk bagħtu l-flotta tagħhom, taħt l-Ammirall Ruggiero Lauria, li fit-8 ta' Lulju 1283 għamel rebħa deċiżiva fuq l-Anġevini. Jingħad li l-Maltin laqgħu lil Lauria bil-ferħ u tawh flus, ġojjelli u munizzjon. Imma Lauria ma kellux l-inġenji tal-gwerra meħtieġa biex jirbaħ il-Kastell. Għalhekk huwa ħalla fil-Birgu madwar 300 suldat Katalan u telaq lura lejn Sqallija. Il-**Castrum Maris** dam jirreżisti, ta' l-anqas sa Frar 1284 (50).

Ramon Muntaner, li ħallielna kronaka tal-ġrajjiet li wasslu għall-ħakma Aragoniża ta' Sqallija, jiddeskrivi l-ferħ li bih intlaqgħet l-aħbar li l-**Castrum Maris** kien ċeda. Huwa kiteb hekk: "Il-Kastell huwa sabiħ u tassew jixraq lil Sultan u dak il-Kastell u l-gżira jixirqu lil Sqallija daqs kemm il-ħaġra tixraq lil ċurkett" (51). Ftit snin wara, fl-1287, flotta Anġevina reġgħet ħabtet għal Malta u għal darba oħra rnexxielha taħtaf taħt idejha l-**Castrum Maris**, imma dan malajr reġa' ntrebaħ mill-Aragoniżi (52). Minħabba l-interessi Aragoniżi fl-Afrika ta' Fuq, Malta kisbet importanza strateġika ġdida u l-ħakkiema l-ġodda ma setgħux jippermettu li jerġgħu jitilfu l-

(Ikompli fil-paġna 6)



Tieqa "gotika" (tard seklu 15 jew bidu seklu 16) fis-sular ta' fuq ta' dar fil-Birgu. Din il-ġmiel ta' tieqa, li ġiet restawrata fuq inizjattiva ta' Sir Harry Luke fit-tletinijiet ta' dan is-seklu, hija waħda mill-ftit elementi medjevali tardivi li għadna naraw fit-triqat tal-Birgu. Twieqi simili, aktarx aktar qodma, jeżistu fid-dar tal-Kastellan f' Sant'Anġlu.

# IL-"VESPRI SICILIANI"

(Jaqbad mill-paġna 5)

Kastell. Għaldaqstant, fl-1292, ir-Re ta ordni li l-Kastell kellu jiġi msaħħaħ u li kellhom jiżdiedu l-għassiesa (53).

(Ikompli)

REFERENZI:

41. Dan id-dokument, li sfortunatament ma għadux jeżisti għax inqered fl-aħħar gwerra, kien ġie ppubblikat minn V. Laurenza, "Malta nei documenti angioini del R. Archivio di Napoli", **Archivio Storico di Malta**, V. (1934), 132-136. Wara kien ġie ppubblikat ukoll bħala appendiċi minn J.F. Darmanin, **The Phoenico-Graeco-Roman Temple and the Origin and Development of Fort St. Angelo**, Malta 1948, 117-121.

42. Ix-xhieda kienu Nicolaus Conti, Raynerius Manchinus, Puccius Tuscanus, Albans Ianiesi, Andreas de Calimiera, Incus Guaracus, Pascalis de Cantore u Alexander, **Malte Ecclesie Cantor**, jiġifieri l-kantur tal-knisja ta' Malta li biha wieħed għandu jifhem il-Katidral tal-Imdina.

43. Id-dokument jirreferi għal din it-tielet katapulta bħal **blidam aliam in cura Sancti Angeli**. Il-kelma **cura** f'dan il-kuntest diffiċli tgħid xi tfisser.

44. "... tobalias veteres pro apparatu altaris septem... tobalias veteres de seta duas..."

45. "... folium de argento quasi lista deauratum pro ordnatu altaris unum..."

46. "... pallia vetera ad auram laborata duo... pallium purpureum vetus unum..."

47. Luttrell, **Approaches**, 40-41.

48. Ir-Re Pedro kien miżżewweġ lil Costanza, it-tifla ta' Manfredi, iben l-Imperatur Frederiku II.

49. Għad-dettalji ara Luttrell, **Approaches**, 43.

50. **Ibid.**

51. **Ibid.**

52. **Ibid.**

53. **Ibid.**, 44.